MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 369/2006

**Aurelio u Emanuela Schembri u Paolino u Ursula Schembri**
**vs**
**Victor Fenech u Chris Aquilina it-tnejn ezercenti l-Kummerc bl-isem VACF**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' April, 2006, fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00), rapprezentanti l-bilanc ta' hlas ta' danni kkawzati mill-konvenuti waqtzvilupp ta' proprjeta` adjacenti ma ta' l-atturi li tionsab u msejha Jamalfi Flat 1 u 2, Triq l-Imhallef P.Debono, Msida liema danni jikkonsistu fi hsara fil-hitan, konsenturi fl-istess hitan, hsara fit-twieqi, u tankijiet tal-ilma u dan skond zewg rapporti tal-Perit Alex Torpiano datati 19 t'Awissu, 2005 u 20 ta' Jannar, 2006.**

**Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datat 21 ta’ Ottubru, 2005, u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fid-19 ta’ Gunju, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant peress illi it-talba tirrizulta pruvata it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita` taghhom premessa ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf u erba’ mitt lira Maltija (Lm1400.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-21 ta’ Ottubru, 2005.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi ta’ l-ittra ufficjali datata 21 ta’ Ottubru, 2005 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------